**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Keith Mallia**
**Sean Micallef**

**Illum 24 ta' Frar, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Keith Mallia** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 207484M;

u lil;

**Sean Micallef** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 271593M;

Akkuzati talli f'diversi granet matul ix-xahar ta' Dicembru 2015 u Jannar 2016 minn gewwa il-fond numru 133, Triq il-Kuncizzjoni, Msida, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. Ikkomettew serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggravat bl-ammont li ma jeccediex l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u erbghin Euro centezmu (€2329.40) izda jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u kif ukoll aggravat bil-mezz ghad-detriment ta' Raymond Debattista, Antonio Sciortino u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamlu hsara fuq divesi oggetti, liema hsara huma ta' aktar minn €166.47 ghad-dannu ta' Raymond Debattista, Antonio Sciortino u/jew persuna/i ohra;

Lil imsemmi Sean Micallef wahdu nakkuzah talli;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D fid-digriet tieghu tat-30 ta' Settembru 2015 li bih tat il-helsien mill-arrest.

Il-Qort hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka l-beneficcju ta' helsien mill-arrest u r-riarrest tal-imsemmi Sean Micallef;
Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas tal-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-24 ta' Frar 2016 sabiex il-kawza kontra l-imputati Keith Mallia u Sean Micallef tkun trattata u deciza bil-

procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat Keith Mallia;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat Keith Mallia sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Keith Mallia rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat Keith Mallia, l-ammissjoni f’dan l-istadju bikri ta’ dawn il-proceduri, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija u li l-fedina penali tieghu hi kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b), 261(c), 263(a), 267, 278(2) u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Keith Mallia hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’

Malta tikkundannah hdax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin. U bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28G (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat Keith Mallia taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum, u tordna illi l-imputat Keith Mallia jaghmel program ta' rijabilitazzjoni fil-Facilita ta' San Blas sabiex jinghata l-ghanuna mehtiega biex jeghleb il-problema li ghandu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Sean Micallef;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat Sean Micallef sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Sean Micallef rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat Sean Micallef, l-ammissjoni f'dan l-istadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija u l-fedina penali tieghu minn liema jirrizulta li l-imputat Sean Micallef minkejja li tressaq il-Qorti diversi drabi u nstab hati diversi drabi anke fuq akkuzi ta' serq, kompla bl-imgieba refrattarja tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 263(a), 267, 278(2), 289, 325(1)(b) u 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Sean Micallef hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija effettivi; u tirrakkomanda lid-dirigenti tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat Sean Micallef jinghata l-ghajnuna mehtiega anke permezz ta' programmi ta' rijabilitazzjoni appoziti sabiex jeghleb il-problema li ghandu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur